C/2024/6977

18.11.2024

Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni

(Każ M.11656 — ENSTALL / SCHLETTER)

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(C/2024/6977)

1. Fit-8 ta' Novembru 2024, il-Kummissjoni rċeviet notifika ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([1]).

Din in-notifika tikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

— Rhaegal Topco B.V. ("Enstall", in-Netherlands),

— Schletter International B.V. ("Schletter", il-Ġermanja).

Enstall se takkwista, fis-sens tal-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, il-kontroll esklużiv ta' Schletter kollha kemm hi.

Il-konċentrazzjoni tintlaħaq permezz ta' xiri ta' ishma.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma dawn li ġejjin:

— Enstall hija prinċipalment żviluppatur u fornitur ta' sistemi tal-immuntar tal-pannelli solari primarjament għall-installazzjoni fuq il-bjut fl-Ewropa u fl-Istati Uniti,

— Schletter prinċipalment timmanifattura u tforni sistemi tal-immuntar tal-pannelli solari għall-installazzjoni fuq il-bjut u fuq l-art fl-Ewropa.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

4. Il-Kummissjoni tistieden lil terzi persuni interessati biex jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta lill-Kummissjoni.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart 10 ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Ir-referenza li ġejja għandha dejjem tiġi speċifikata:

M.11656 — ENSTALL / SCHLETTER

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz ta' email jew bil-posta. Uża d-dettalji ta' kuntatt ta' hawn taħt:

Email: COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

Indirizz postali:

European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË

([1]) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").